

Brussell, 1 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9481/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140 (CNS)**

**SOC 413
ANTIDISCRIM 27
JAI 520
MI 437
FREMP 66**

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) / Kunsill
Nru. dok. preç.:	9288/17 SOC 375 ANTIDISCRIM 23 JAI 473 MI 427 FREMP 61
Nru dok. Cion:	11531/08 SOC 411 JAI 368 MI 246 - COM(2008) 426 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - Rapport ta' Progress

I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Waqt li tikkomplementa l-leġislazzjoni eżistenti tal-KE¹ f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-beni u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħet il-proposta fil-prinċipju, b'bosta minnhom japprovaw il-fatt li l-għan tagħha hu li tikkompleta l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet ta' diskriminazzjoni kollha permezz ta' approċċ orizzontali.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet affermat l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament ugwali bħala valur soċjali kondiviż fl-UE. B'mod partikolari, diversi delegazzjonijiet issottolinjaw is-sinifikat tal-proposta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità(UNCPRD). Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu jippreferu dispożizzjonijiet aktar ambizzjużi fir-rigward tad-diżabilità.

Waqf li enfasizzaw l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, fl-imġhoddi, xi delegazzjonijiet kellhom dubji dwar il-ħtieġa għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma qisuha bħala vjolazzjoni tal-kompetenza nazzjonali għal ċerti kwistjonijiet u konfliġġenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Xi delegazzjonijiet komplew jesprimu d-dubji tagħhom dwar jekk fil-kamp ta' applikazzjoni għandhomx jiġu inklużi l-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni. Żewġ delegazzjonijiet żammew riżervi ġenerali.

Xi delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki u esprimew tħassib relatat, b'mod partikolari, man-nuqqas ta' ċertezza legali, it-tqassim tal-kompetenzi, u l-impatt prattiku, finanzjarju u legali tal-proposta.

Għalissa, id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ta' skrutinju ġenerali dwar il-proposta. CZ, DK, MT u UK żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari. Il-Kummissjoni affermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla fiha.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni fit-2 ta' April 2009². Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; b'hekk tinħtieġ unanimità fil-Kunsill, wara il-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA MALTIJA

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali kompli l-eżami tiegħu tal-proposta,³ abbażi ta' żewġ settijiet ta' suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza.⁴

Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma ffokaw, b'mod partikolari, fuq il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:

a) L-inklużjoni ta' premessa dwar id-diskriminazzjoni abbażi tas-sess jew l-identità tal-ġeneru bħala fattur aggravanti (Premessa 12ab)

Il-Presidenza indikat li din l-emenda ma kellhiex l-għan li testendi l-ambitu tal-abbozz ta' Direttiva iżda li tirrikonoxxi l-fatt li d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali tista' tkun aggravata mid-diskriminazzjoni abbażi tas-sess jew l-identità tal-ġeneru.

Xi delegazzjonijiet kellhom dubju dwar l-iskop tal-emenda u staqsew kif il-kwistjoni ser tiġi indirizzata fil-parti operattiva tat-test. Delegazzjoni minnhom issuġġeriet li din ir-referenza tiġi inkluzja fil-Premessa 13. Diversi delegazzjonijiet filwaqt li appoġġaw l-għan tal-emenda, issuġġerew li ssir referenza għal diskriminazzjoni multipla f'termini ġenerali minflok singolarizzazzjoni ta' taħlita speċifika ta' raġunijiet. Il-Presidenza għażlet din il-proposta tal-aħħar.

² Ara d-dok. A6-0149/2009. Ulrike Lunacek (AT/LIBE/Grupp tal-Ħodor/Alleanza Hielisa Ewropea) inġatret Relatriċi mill-Parlament li għadu kif ġie elett.

³ Il-laqgħat saru fl-20 ta' Jannar u fit-22 ta' Mejju.

⁴ Ara 15603/16 u 7202/17.

b) Diskriminazzjoni multipla (Premessi 12, 12ab u 21 u l-Artikolu 2(2)(a-b))

Fis-suġġerimenti ta' abbozzar tagħha, il-Presidenza fittxet li tiċċara l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni multipla u speċifikat li diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti fil-proposta jistgħu wkoll *jikkoinċidu* ma' diskriminazzjoni abbażi ta' razza jew oriġini etnika u nazjonalità, kif ukoll is-sess jew identità tal-ġeneru. F'dan il-kuntest, il-Presidenza introduċiet formulazzjoni li tispjega li miżuri ta' azzjoni pożittiva jistgħu jkopru wkoll grupp ta' persuni li għandhom *taħlita* ta' karatteristiċi marbuta ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

Għadd kbir ta' delegazzjonijiet laqgħu l-inklużjoni ta' diskriminazzjoni multipla fit-test. Madankollu, xi delegazzjonijiet oħra ma kinux favur. Il-Kummissjoni appoġġat l-inklużjoni ta' diskriminazzjoni multipla, dment li din tkun saret b' mod konsistenti. Il-Kummissjoni approvat ukoll il-kumment li sar minn delegazzjoni minnhom li r-raġunijiet ta' diskriminazzjoni li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ma għandhomx jissemmew fit-test, u minflok ippreferiet referenza ġenerali għar-raġunijiet li mhumiex koperti mid-Direttiva attwali.

c) Id-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni ma' organizzazzjoni ddedikata għall-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni (Premessa 12a)

Il-Presidenza żiedet dispożizzjoni mal-Premessa 12a rigward il-protezzjoni ta' persuni li jsofru minn diskriminazzjoni minħabba assoċjazzjoni li għandhom, jew li huma maħsuba li għandhom, ma' organizzazzjonijiet iddedikati għall-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali partikolari.

Diversi delegazzjonijiet appoġġaw l-emenda, delegazzjoni minnhom ma setgħetx taċċettaha u xi delegazzjonijiet oħra ħassew il-ħtieġa li din tiġi skrutinizzata aktar.

d) Kamp ta' applikazzjoni (inklużjoni espliċita ta' skemi statutorji supplimentari ta' pensjoni, Premessa 17b u l-Artikolu 3(1)(a))

Fis-suġġerimenti tagħha dwar l-abbozzar, il-Presidenza ċarat il-formulazzjoni billi speċifikament iddikjarat

li l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni tkun tapplika fir-rigward ta' "l-aċċess għal protezzjoni soċjali, sa fejn jikkonċerna s-sigurtà soċjali, *inkluż l-iskemi statutorji supplimentari ta' pensjoni.*"

Xi delegazzjonijiet ippreferew li titħassar ir-referenza għall-iskemi statutorji supplimentari ta' pensjoni abbażi li ma kienx hemm il-ħtieġa li jissemmew dawn l-iskemi b'mod espliċitu, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa ċar kif inhi.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza inkludiet ukoll referenza għal kawża C-267/06 *Tadao Maruko* fil-premessi, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE rrikonoxxiet id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali.

Għadd ta' delegazzjonijiet u l-Kummissjoni ħassew li r-referenza għall-kawża C-267/06 ma kinitx adatta, peress li kienet tikkonċerna skemi ta' pensjoni okkupazzjonali (koperti mid-Direttiva 2000/78/KE) aktar milli s-sigurtà soċjali u li tkun indikata fil-premessi tista' għalhekk tkun ta' konfużjoni.

d) Benefiċċji legali li jiddependu fuq l-istat ċivili (Premessa 17h)

Il-Presidenza aġġustat it-test sabiex tkopri każijiet ta' diskriminazzjoni kontra koppji tal-istess sess meta dawn jingħataw benefiċċji li jiddependu mill-istat ċivili. Ġew espressi fehmiet diverġenti dwar il-bidla ssuġġerita.

e) "Persuni fiżiċi jew ġuridiċi" (Premessa 17ga)

Il-Presidenza rrevediet il-Premessa 17ga, tiddikjara b'mod ċar li "Il-persuni kollha, *kemm jekk huma persuni fiżiċi jew ġuridiċi*, igawdu l-libertà li jikkuntrattaw..." Il-Grupp ta' Ħidma appoġġa din il-bidla.

III. KWISTJONIJIET PENDENTI

Hija meħtieġa aktar diskussjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq, kif ukoll dwar għadd ta' kwistjonijiet pendenti oħrajn, fosthom dawn li ġejjin:

- il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, b'xi delegazzjonijiet kontra l-inklużjoni tal-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni fih;
- aspetti oħra li għad fadal tat-tqassim tal-kompetenzi u s-sussidjarjetà; u
- ċertezza legali dwar l-obbligi li jiġu stabbiliti mid-Direttiva.

Aktar dettalji dwar il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet jistgħu jinstabu fid-dokumenti 5428/17 u 9288/17.

IV. KONKLUŻJONI

Taħt il-Presidenza Maltija sar progress tanġibbli fuq il-kwistjonijiet diskussi. Madankollu, jenħtieġu aktar diskussjonijiet politiċi qabel ma tkun tista' tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.
